2024/575

14.2.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/575

tas-7 ta' Frar 2024

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-bakkaljaw fiż-żona 3M tan-NAFO għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2023.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-bakkljaw fiż-żona 3M tan-NAFO mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2023.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2023 lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-istokk tal-bakkaljaw fiż-żona 3M tan-NAFO msemmija fl-Anness għandha titqies eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jsiru rilokazzjoni, trażbord jew ħatt l-art tal-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	23/TQ194
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea (L-Istati Membri kollha)
Stokk	COD/N3M.
Speċi	Bakkaljaw (*Gadus morhua*)
Żona	Żona NAFO 3M
Data tal-għeluq	It-22 ta' Diċembru 2023